MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 42/2002/1

**Elektra Limited**

**vs**

**Camela Contractors Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mija u tnejn u hamsin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm1452.16), rapprezentanti l-prezz ta' "lighting fittings" provduti lis-socjeta` konvenuta skond "account statement" anness mal-avviz u mmarkat Dok.A. Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.**
**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' John Giacchino, Financial Controller tas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(a) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u erba' mija u tnejn u hamsin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm1452.16), bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Jannar, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**